KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fl-4 *ta'* Mejju 2023 [1]

Kawża C-319/22

Gesamtverband Autoteile-Handel e.V.
vs
Scania CV AB

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Köln (il-Qorti Reġjonali ta' Köln, il-Ġermanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Suq għal servizzi ta' informazzjoni dwar tiswija u manutenzjoni ta' vetturi bil-mutur – Regolament (UE) 2018/858 – Operaturi indipendenti – Informazzjoni faċilment aċċessibbli f'format li tista' tinqara b'magna u li tista' tiġi pproċessata elettronikament – Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN) – Protezzjoni ta' data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Kundizzjonijiet tal-legalità tal-ipproċessar ta' data personali – Artikolu (6)(1)(c)"

1. Il-leġiżlatur tal-Unjoni jfittex li, fi ħdan is-suq intern, tiġi ggarantita l-kompetizzjoni fis-settur tat-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi bil-mutur, sabiex il-manifatturi ta' dawn il-vetturi ma jimmonopolizzawx (huma nnifishom jew permezz tal-konċessjonarji u s-sewwejja awtorizzati tagħhom) il-provvista ta' tali servizzi.

2. Għal dan il-għan, ir-Regolament (UE) 2018/858 [2] jeżiġi li l-manifatturi tal-vetturi jipprovdu lill-"operaturi indipendenti" aċċess mhux ristrett, standardizzat u mhux diskriminatorju għall-informazzjoni relatata ma' ċerti sistemi, tagħmir u għodod tal-vetturi, u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tagħhom.

3. L-applikazzjoni tar-Regolament 2018/858 (jew ta' kwalunkwe wieħed mir-regolamenti emendati minnu) iġġenerat tilwim bejn, minn naħa, il-manifatturi tal-vetturi u, min-naħa l-oħra, l-operaturi indipendenti. Xi wħud mit-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirriżultaw minn proċedimenti li huma involuti fihom entità [3] li l-membri tagħha jamministraw 80 % tad-dħul mill-bejgħ fil-kummerċ indipendenti tal-ispare parts tal-vetturi bil-mutur fil-Ġermanja [4].

1 Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU 2018, L 151, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2021, L 398, p. 29 u fil-ĠU 2022, L 304, p. 103).

3 Il-Gesamtverband Autoteile-Handel e. V. (iktar 'il quddiem "Gesamtverband A.-H.").

4 Sentenzi tad-19 ta' Settembru 2019, Gesamtverband Autoteile-Handel (C-527/18, EU:C:2019:762); u tas-27 ta' Ottubru 2022, ADPA u Gesamtverband Autoteile-Handel (C-390/21, EU:C:2022:837)

4. F'din it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-Landgericht Köln (il-Qorti Reġjonali ta' Köln, il-Ġermanja) tagħmel tliet domandi li jirrigwardaw, suċċessivament:

— Il-kontenut tal-informazzjoni li l-manifatturi jridu jagħmlu disponibbli għall-operaturi indipendenti (jinkludi l-informazzjoni kollha dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, fis-sens tal-punt 48 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/858, jew dik dwar l-ispare parts biss?).

— Il-mod u l-format li bihom il-manifatturi għandhom jipprovdu din l-informazzjoni.

— L-obbligu li l-operaturi indipendenti jingħataw in-numru ta' identifikazzjoni tal-vetturi (iktar 'il quddiem "VIN") [5], b'rabta mal-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/679 [6].

5. Fuq indikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, ser nillimita l-konklużjonijiet tiegħi għat-tielet waħda mid-domandi li ġew magħmula.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Ir-Regolament 2018/858

6. Il-premessa 50 tgħid:

"L-aċċess mhux ristrett għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, permezz ta' format standardizzat li jista' jintuża sabiex tiġi rkuprata l-informazzjoni teknika, kif ukoll il-kompetizzjoni effettiva fis-suq tas-servizzi li jipprovdu tali informazzjoni, huma meħtieġa sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern, b'mod partikolari fir-rigward tal-moviment liberu tal-merkanzija, tal-libertà tal-istabbiliment u tal-libertà fil-forniment tas-servizzi […]".

7. Skont il-premessa 52:

"Sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva fis-suq għal servizzi ta' informazzjoni dwar tiswija u manutenzjoni ta' vetturi, u sabiex jiġi ċċarat li l-informazzjoni kkonċernata tkopri wkoll l-informazzjoni li jeħtieġ li tingħata lil operaturi indipendenti minbarra s-sewwejja, sabiex jiġi żgurat li s-suq indipendenti tat-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi inġenerali jkun jista' jikkompeti ma' negozjanti awtorizzati, irrispettivament minn jekk il-manifattur tal-vettura jagħtix tali informazzjoni direttament lil negozjanti u sewwejja awtorizzati jew jużax huwa stess tali informazzjoni għar-raġunijiet ta' tiswija u manutenzjoni, jenħtieġ li jiġu stipulati d-dettalji tal-informazzjoni li għandha tingħata għall-finijiet ta' aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi".

[5] Il-VIN (*vehicle identification number*) jew in-numru tax-xażi jikkonsisti f'kodiċi alfanumeriku assenjat lil vettura mill-manifattur sabiex jiggarantixxi l-identifikazzjoni tagħha. Huwa msemmi fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 19/2011 tal-11 ta' Jannar 2011 li jikkonċerna r-rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-pjanċa statutorja tal-manifattur u għan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU 2011, L 8, p. 1), emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 249/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 (ĠU 2012, L 82, p. 1).

[6] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2). Iktar 'il quddiem "GDPR".

8. B'mod konformi mal-premessa 62:

"Kull meta l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li dawn jitwettqu skont [il-GDPR] […]".

9. L-Artikolu 3 jipprovdi li:

"[…]

45) 'operatur indipendenti' tfisser persuna fiżika jew ġuridika, minbarra negozjant jew sewwej awtorizzat, li hija direttament jew indirettament involuta fit-tiswija u fil-manutenzjoni tal-vetturi, u inklużi sewwejja, manifatturi jew distributuri ta' tagħmir tat-tiswija, għodod jew spare parts, kif ukoll pubblikaturi ta' informazzjoni teknika, assoċjazzjonijiet tal-karozzi, operaturi tal-assistenza fit-triq, operaturi li joffru servizzi ta' spezzjoni u ttestjar, operaturi li joffru taħriġ għall-installaturi, il-manifatturi u sewwejja ta' tagħmir għall-vetturi li jaħdmu b'karburanti alternattivi; tfisser ukoll sewwejja, negozjanti u distributuri awtorizzati fi ħdan is-sistema tad-distribuzzjoni ta' manifattur ta' vettura partikolari sakemm huma jipprovdu servizzi ta' tiswija u manutenzjoni għall-vetturi li fir-rigward tagħhom mhumiex membri tas-sistema tad-distribuzzjoni tal-manifattur tal-vettura;

[…]

48) 'informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura' tfisser l-informazzjoni kollha, inklużi l-emendi u supplimenti sussegwenti kollha tagħha, li tkun meħtieġa għad-dijanjożi, l-għoti ta' service u l-ispezzjoni ta' vettura, it-tħejjija tagħha għall-kontroll tekniku, it-tiswija, l-ipprogrammar mill-ġdid jew l-inizjalizzazzjoni mill-ġdid ta' vettura jew li tkun meħtieġa għall-appoġġ djanjostiku mill-bogħod ta' vettura jew għall-immuntar fuq vettura ta' parts u tagħmir, u li tiġi pprovduta mill-manifattur lis-sħab, negozjanti jew sewwejja awtorizzati tiegħu u li tintuża mill-manifattur għal finijiet ta' tiswija jew manutenzjoni;

49) 'informazzjoni dwar id-dijanjostika abbord (OBD) tal-vettura' tfisser l-informazzjoni ġġenerata minn sistema li hija abbord vettura jew li tkun konnessa ma' magna u li tkun kapaċi tidentifika ħsara u, fejn applikabbli, li tkun kapaċi tindika l-okkorrenza tagħha permezz ta' sistema ta' twissija, li tkun kapaċi tidentifika dik il-parti relatata mal-ħsara permezz tal-informazzjoni maħżuna fil-memorja ta' kompjuter, u li tkun kapaċi tikkomunika dik l-informazzjoni off-board;

[…]".

10. L-Artikolu 61 ("L-obbligi tal-manifatturi li jipprovdu informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi u informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi") jindika:

"1. Il-manifatturi għandhom jipprovdu lill-operaturi indipendenti aċċess mhux ristrett, standardizzat u mhux diskriminatorju għal informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi, tagħmir dijanjostiku u tagħmir ieħor, għodod, inklużi r-riferenzi kompluti, u d-downloads disponibbli, tas-softwer applikabbli, u informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi. L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata b'mod faċilment aċċessibbli f'forma ta' settijiet ta' data li jistgħu jinqraw b'magna u li jistgħu jiġu pproċessati elettronikament. L-operaturi indipendenti għandu jkollhom aċċess għas-servizzi dijanjostiċi remoti użati mill-manifatturi u min-negozjanti u s-sewwejja awtorizzati.

Il-manifatturi għandhom jipprovdu faċilità standardizzata, sigura u remota li tippermetti lis-sewwejja indipendenti jwettqu operazzjonijiet li jinvolvu l-aċċess għas-sistema tas-sigurtà tal-vettura.

2. Sa meta l-Kummissjoni tadotta standard rilevanti permezz tal-ħidma tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) jew ta' korp ta' standardizzazzjoni komparabbli, l-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għandha tiġi ppreżentata b'mod li tkun faċilment aċċessibbli u b'mod li tkun tista' tiġi pproċessata minn operaturi indipendenti bi sforz raġonevoli.

L-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għandha ssir disponibbli fuq is-siti web tal-manifatturi bl-użu ta' format standardizzat jew, jekk dan ma jkunx fattibbli, minħabba n-natura tal-informazzjoni, f'format ieħor xieraq. Għal operaturi indipendenti għajr is-sewwejja, l-informazzjoni għandha tingħata wkoll f'format li jkun jista' jinqara minn magna, li jkun jista' jiġi pproċessat elettronikament b'għodod u softwer tat-teknoloġija informatika disponibbli b'mod komuni u li jippermetti lil operaturi indipendenti jwettqu l-kompitu assoċjat man-negozju tagħhom fil-katina ta' provvista tas-suq ta' wara l-bejgħ.

[…]

4. Id-dettalji tar-rekwiżiti tekniċi għall-aċċess għal informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, b'mod partikolari l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar kif għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, huma stipulati fl-Anness X.

[…]

11. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jemendaw l-Anness X biex jittieħed kont tal-iżviluppi tekniċi u regolatorji jew jiġi evitat l-użu ħażin billi taġġorna r-rekwiżiti dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, […]".

11. Il-punt 6.1 tal-Anness X ("L-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura") jipprovdi:

"[…]

L-informazzjoni fuq il-partijiet kollha tal-vettura, li bihom hija mgħammra l-vettura, kif identifikat mill-VIN u kwalunkwe kriterju addizzjonali bħall-bażi tar-roti, l-output tal-magna, il-livell jew l-għażliet tal-finitura, mill-manifattur tal-vettura u li jistgħu jiġu sostitwiti minn partijiet ta' riżerva offruti mill-manifattur tal-vettura lis-sewwejja awtorizzati jew lil negozjanti jew partijiet terzi permezz ta' referenza għan-numru tal-partijiet tat-tagħmir oriġinali (OE), trid titqiegħed għad-dispożizzjoni, fl-għamla ta' settijiet ta' data li jistgħu jinqraw minn magna u li jistgħu jiġu pproċessati elettronikament, f'bażi ta' data li hija aċċessibbli għall-operaturi indipendenti.

Din id-database għandu jkun fiha l-VIN, in-numri tal-partijiet OE, l-isem OE tal-partijiet, l-attributi tal-validità (dati ta' validità minn u validità sa), l-attributi tal-fittings u, fejn applikabbli, il-karatteristiċi tal-istrutturar.

[…]".

B. Ir-Regolament Nru 19/2011

12. Il-punt 2 tal-Artikolu 2 ("Definizzjonijiet"), jispjega li:

"'numru ta' identifikazzjoni tal-vettura' (VIN) tfisser il-kodiċi alfanumeriku mogħti lil vettura mill-manifattur sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni xierqa ta' kull vettura".

13. Fl-Anness I ("Rekwiżiti tekniċi"), parti B ["Numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN)"], il-punt 1.2 jipprovdi:

"Il-VIN għandu jkun uniku u attribwit b'mod mhux ekwivoku lil vettura partikolari".

C. Il-GDPR

14. Skont il-punt 1 tal-Artikolu 4, "'*data* personali' tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli ('suġġett tad-*data*'); persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal mezz ta' identifikazzjoni bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, *data* ta' lokalizzazzjoni, identifikatur *online* jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta' dik il-persuna fiżika".

15. L-Artikolu 6 ("Legalità tal-ipproċessar") jistabbilixxi:

"1. L-ipproċessar għandu jkun legali biss jekk u safejn mill-inqas ikun japplika wieħed mill-punti li ġejjin:

[…]

c) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-konformità ma' obbligu legali li għalih huwa soġġett il-kontrollur;

[…]

3. Il-bażi għall-ipproċessar imsemmi fil-punti (c) u (e) tal-paragrafu 1 għandha tkun stipulata minn:

a) il-liġi tal-Unjoni, jew

b) il-liġi tal-Istat Membru li għaliha huwa soġġett il-kontrollur.

Il-fini tal-ipproċessar għandu jkun iddeterminat fdik il-bażi legali […]. Il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi tal-Istat Membru għandha tissodisfa l-objettiv ta' interess pubbliku u tkun proporzjonata mal-għan leġittimu mfittex.

[…]".

D. Id-Direttiva 1999/37/KE[7]

16. Fl-Anness I ("Parti I taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni") insibu dawn il-punti:

"[…]

II.5. L-ewwel Parti taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni għandha tikkontjeni wkoll il-fatti magħrufa (data) li ġejja, preċeduta mill-kodiċijiet armonizzati korrespondenti tal-Komunità:

[…]

(Ċ) fatti magħrufa (data) personali;

(Ċ.1) possessur taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni:

(Ċ.1.1) kunjomi(ijiet) jew isem kummerċjali,

[…]

(Ċ.1.3) indirizz fl-Istat Membru ta' reġistrazzjoni fid-data tal-ħruġ tad-dokument;

(Ċ.4) Fejn il-partikolaritajiet speċifikati f'II.6, kodiċi Ċ.2 mhumiex indikati fiċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni, riferenza għall-fatt li l-possessur taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni:

a) huwa s-sid tal-vettura,

[…]

(E) numru ta' identifikazzjoni tal-vettura;

[…]

II.6. L-ewwel Parti taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni tista, barra minn dan, tikkontjeni l-fatti magħrufa (data) li ġejja, preċeduta mill-kodiċijiet armonizzati korrespondenti tal-Komunità:

(Ċ) fatti magħrufa (data) personali;

(Ċ.2) sid tal-vettura (ripetuta daqs kemm hemm sidien), […]

[…]

(Ċ.3) persuna naturali jew legali li tista' tuża' l-vettura bis-saħħa ta' dritt legali ieħor għajr dak ta' pussess, […]

[…]".

[7] Direttiva tal-Kunsill tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU 1999, L 138, p. 57), fil-verżjoni tagħha emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/127/KE tat-23 ta' Diċembru 2003 (ĠU 2004, L 10, p. 29).

II. Il-fatti, it-tilwima u d-domandi preliminari

17. Scania CV AB (iktar 'il quddiem "Scania") hija wieħed mill-ikbar produtturi ta' vetturi kummerċjali, partikolarment ta' trakkijiet tqal, fl-Ewropa. Bħala detentur ta' approvazzjonijiet tat-tip "KE", għandha l-istatus ta' manifattur fis-sens tal-punt 40 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/858 u għandha tipprovdi l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 61(1) u (2) ta' dan ir-regolament.

18. Scania tipprovdi lill-aġenti indipendenti (bħall-membri tal-Gesamtverband A.-H.) aċċess għall-informazzjoni dwar il-vettura, it-tiswija u l-manutenzjoni tagħha, kif ukoll għas-sistema OBD, permezz ta' sit internet.

19. Permezz ta' din il-proċedura, Scania tippermetti lill-utent uman, billi jdaħħal l-aħħar seba' ċifri tal-VIN, ifittex informazzjoni dwar vettura partikolari, jew, abbażi tad-data ġenerali tal-vetturi, jikseb informazzjoni iktar estensiva li ma tirreferix għal vettura speċifika [8].

20. Madankollu, Scania ma tqegħidx il-VIN disponibbli għall-operaturi indipendenti. Is-sewwejja biss jafu l-VIN tal-vettura li jridu jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni jew tiswija fuqha, peress li dak in-numru jidher fuq ix-xażi li jafdalhom il-klijent; madankollu, il-manifatturi u d-distributuri ta' spare parts ma għandhomx aċċess għal VIN individwali, li mingħajrhom tfittxija għal kriterji ġenerali ma tagħtix riżultati preċiżi [9].

21. It-tilwima ta' bejn Gesamtverband A.-H. u Scania fil-kawża prinċipali tirrigwarda l-forma, il-kontenut u l-portata tal-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 61(1) u (2) tar-Regolament 2018/858.

22. F'dan il-kuntest, il-Landgericht Köln (il-Qorti Reġjonali ta' Köln) aċċettat li tagħmel tliet domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, li minnhom ser nindirizza l-aħħar waħda biss, ifformulata f'dawn it-termini:

"L-Artikolu 61(1) tar-Regolament 2018/858 jikkostitwixxi, għall-manifatturi tal-vetturi, obbligu legali fis-sens tal-Artikolu 6(1)(c) [tal-GDPR], li jiġġustifika l-pubblikazzjoni ta' VIN jew ta' informazzjoni annessa magħhom lil operaturi ekonomiċi indipendenti inkwantu kontrolluri oħra fis-sens tal-punt 7 tal-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament?"

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

23. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 *ta'* Mejju 2022.

24. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Gesamtverband A.-H., Scania u l-Kummissjoni.

25. Ma ġiex ikkunsidrat essenzjali li tinżamm seduta.

[8] Wara li jdaħħal il-VIN jew terminu ta' tfittxija ġenerali, l-utent uman għandu biss il-possibbiltà li jistampa r-riżultati murija fuq l-iskrin jew li jaħżinhom lokalment fuq kompjuter bħala fajl PDF. Għalhekk, il-kontenut ta' tali stampar jew tal-fajl PDF iġġenerat b'dan il-mod huwa limitat għall-informazzjoni li tidher fuq l-iskrin.

[9] L-informazzjoni dwar l-ispare parts issir disponibbli għall-operaturi indipendenti bl-istess mod, bid-differenza li l-utent ikollu, ukoll, il-possibbiltà li jaħżen ir-riżultati tat-tfittxija murija fuq is-sit internet lokalment fuq il-kompjuter tiegħu bħala fajl XML.

IV. Analiżi

26. Permezz tat-tielet domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-Artikolu 61(1) tar-Regolament 2018/858 jikkostitwixxix obbligu legali fuq il-manifatturi tal-vetturi (fis-sens tal-Artikolu 6(1)(c) tal-GDPR) li jiġġustifika l-pubblikazzjoni ta' VIN jew ta' informazzjoni marbuta ma' dawn in-numri, lil operaturi indipendenti.

27. Id-domanda hija bbażata fuq il-premessa li, kieku dan l-obbligu kien jeżisti, l-osservanza tiegħu tkun teħtieġ li tiġi pproċessata data personali.

28. Ir-risposta teħtieġ, l-ewwel, li tiġi analizzata n-natura tal-VIN u, it-tieni, li ladarba tiġi ammessa n-natura ta' data personali tiegħu, issir investigazzjoni dwar il-bażi legali possibbli tal-ipproċessar ta' dan in-numru.

A. In-natura personali tal-VIN

29. Il-VIN jikkostitwixxi data personali? Jekk le, il-problema mqajma tiġi solvuta mingħajr dewmien, peress li l-GDPR sempliċement ma jkunx applikabbli. Il-qorti tar-rinviju tammetti, madankollu, li għandha xi inċertezzi f'dan ir-rigward.

30. Il-qorti tar-rinviju tiġbor fil-qosor il-pożizzjonijiet taż-żewġ partijiet fit-tilwima f'dawn it-termini:

— Skont il-Gesamtverband A.-H., il-VIN ma humiex data personali għall-manifattur, sakemm il-manifattur ma jkollux possibbiltà raġonevoli, fil-fatt jew fil-liġi, li jiddetermina l-identità ta' persuna fiżika mill-VIN. Dan huwa l-każ b'mod partikolari għal Scania, peress li x-xerrejja ta' vetturi kummerċjali ġeneralment ma humiex persuni fiżiċi. Minkejja kollox, jekk f'xi każ speċifiku l-VIN ikun jista' jikkostitwixxi data personali, Scania tkun awtorizzata tagħti aċċess għalih skont l-Artikolu 6(1)(c) tal-GDPR. L-Artikolu 61(1) tar-Regolament 2018/858 jipprovdi bażi legali adegwata, peress li jobbliga lill-manifatturi jaqsmu l-informazzjoni marbuta mal-VIN.

— Skont Scania, il-VIN huma data personali u l-GDPR jipprojbixxi l-pubblikazzjoni tagħhom mingħajr il-bażi legali xierqa. L-uniku każ possibbli ta' bażi legali huwa l-Artikolu 6(1)(c) tal-GDPR. Madankollu, l-Artikolu 61(1) tar-Regolament 2018/858 ma jimponi ebda obbligu bħal dan. Id-dispożizzjoni ma hijiex preċiża biżżejjed, l-iskop tal-ipproċessar ma huwiex iddefinit b'mod ċar u r-Regolament 2018/858 ma jipprovdi xejn rigward il-protezzjoni tad-data.

31. Il-qorti tar-rinviju, wara li ppreżentat iż-żewġ fehmiet, tirrikonoxxi li hemm argumenti insostenn ta' waħda u tal-oħra:

— Favur l-interpretazzjoni ta' Scania, jista' jiġi argumentat li r-Regolament 2018/858 ma fihx espliċitament kunsiderazzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data.

— Favur il-pożizzjoni ta' Gesamtverband A.-H. hemm l-argument li l-VIN, ġeneralment, ma huwiex data personali għall-manifatturi, b'mod li sa mill-bidu nett il-GDPR jista' ma jkunx applikabbli. Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 61(1), tar-Regolament 2018/858 jistabbilixxi l-"obbligu legali" meħtieġ għall-finijiet tal-Artikolu 6(1)(c) tal-GDPR u jibbaża l-ipproċessar tad-data skont dan tal-aħħar.

32. Id-dubju kien (relattivament) solvut permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 *ta'* Frar 2022, Valsts ieņēmumu dienests (Ipproċessar tad-data għal finijiet fiskali)[10]. Fiha, kienu kklassifikati bħala komunikazzjoni ta' "data personali" l-aċċess għal ċerti VIN, b'mod partikolari, kif ukoll it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' informazzjoni dwar ir-reklami ppubblikati minn operatur ekonomiku fuq portal tal-internet[11].

33. F'dik il-kawża, l-Avukat Ġenerali Bobek sostna li "[…] in-numru tax-xażi ta' karozza [il-VIN] tikkostitwixxi 'informazzjoni relatata ma' persuna [fiżika] identifikata jew identifikabbli'". Il-VIN jistgħu għalhekk jitqiesu bħala "*data personali* fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-RĠPD [GDPR]", sakemm tali "informazzjoni tippermetti li jiġu identifikati l-bejjiegħa tal-karozzi u, għaldaqstant, il-persuni taxxabbli potenzjali"[12].

34. Madankollu, naqbel mal-qorti tar-rinviju u mal-Gesamtverband A.-H. li l-VIN ma huwiex, fih innifsu u fi kwalunkwe każ, data personali. Mill-inqas ma huwiex "b'mod ġenerali, […] għall-manifattur [tal-vetturi]"[13] u, ċertament, mhux meta l-vettura ma tkunx tappartjeni lil persuna fiżika.

35. Fil-kawża Valsts ieņēmumu dienests, id-data inkwistjoni, inkluża dik tal-VIN tal-vetturi reklamati fuq portal tal-internet, ġew mitluba minn amministrazzjoni fiskali. F'dak il-kuntest, il-VIN kien jikkostitwixxi b'mod ċar "data personali" fis-sens tal-Artikolu 4(1) tal-GDPR; jiġifieri, "informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli".

36. Peress li min għamel it-talba għall-informazzjoni inkwistjoni fil-kawża Valsts ieņēmumu dienests kienet amministrazzjoni pubblika, il-VIN setgħu jintużaw sabiex jiġu identifikati s-sidien tal-vetturi b'dawn in-numri. Fost "il-grupp ta' mezzi li [setgħu] jintużaw b'mod raġonevoli" minn amministrazzjoni pubblika għal din l-identifikazzjoni personali hemm aċċess għar-reġistru (pubbliku) taċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni.

37. Bħala prinċipju, kif diġà semmejt, il-VIN huwa sempliċi "kodiċi alfanumeriku mogħti lil vettura mill-manifattur" li strettament iservi biss sabiex tiġi identifikata b'mod xieraq din il-vettura. Jista' jingħad li huwa data *ad rem*, mhux *ad personam*.

38. Madankollu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja:

— Id-definizzjoni ta' "data personali", fis-sens tal-Artikolu 4(1), tal-GDPR "hija applikabbli meta, minħabba l-kontenut, l-iskop u l-effett tagħha, l-informazzjoni inkwistjoni tkun marbuta ma' persuna speċifika"[14].

— "Sabiex jiġi ddeterminat jekk persuna hijiex identifikabbli, għandhom jitqiesu l-mezzi kollha li jistgħu jiġu raġonevolment implementati, kemm mill-kontrollur, kif ukoll minn persuna oħra, sabiex tiġi identifikata l-imsemmija persuna". Bħala riżultat, "sabiex data tkun tista' tiġi kklassifikata bħala "data personali" […] ma huwiex meħtieġ li l-informazzjoni kollha li

[10] Kawża C-175/20 (EU:C:2022:124). Iktar 'il quddiem, is-"sentenza Valsts ieņēmumu dienests".

[11] Sentenza Valsts ieņēmumu dienests, punti 36 u 37.

[12] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek ippreżentati fil-kawża Valsts ieņēmumu dienests (Ipproċessar ta' data personali b'għanijiet fiskali) (C-175/20, EU:C:2021:690), punt 36. Korsiv fl-oriġinal.

[13] Paġna 80 tal-oriġinali Ġermaniża tad-deċiżjoni tar-rinviju.

[14] Sentenza tat-8 ta' Diċembru 2022, Inspektor vs Inspektorata kam Visshia sadeben savet (Finijiet tal-ipproċessar ta' data personali — Instruttorja kriminali) (C-180/21, EU:C:2022:967), punt 70, li tiċċita s-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Nowak (C-434/16, EU:C:2017:994), punt 35.

tippermetti li tiġi identifikata l-persuna kkonċernata għandha tkun f'idejn persuna waħda" [15].

39. Skont din il-ġurisprudenza, data li, bħala prinċipju, hija nieqsa min-natura "personali" (minħabba li minnha nnifisha, u mingħajr l-intermedjazzjoni ta' data oħra, ma tinkludix informazzjoni li tirreferi għal persuna fiżika identifikata jew identifikabbli) takkwista dik in-natura għal min raġonevolment għandu l-mezzi sabiex jassoċjaha ma' persuna speċifika.

40. Wieħed minn dawn il-mezzi huma ċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni, li bilfors iridu jinkludu l-VIN u l-identità tas-sid tal-vettura [16]. Fuq il-bażi ta' dawn iċ-ċertifikati, li jassoċjaw il-VIN mas-sid tal-vettura, operatur indipendenti jista' jittraċċa, pereżempju, il-proċess ta' distribuzzjoni u bejgħ ta' spare-parts, sakemm jiġi identifikat is-sid tal-vettura li tkun ġiet inkorporata fiha dik il-parti [17].

41. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, kif jidher, il-membri tal-Gesamtverbrand A.-H. jistax ikollhom raġonevolment il-mezzi sabiex jorbtu VIN ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli. Jekk iva, għalihom (u, indirettament, għall-manifattur li jagħmel il-VIN disponibbli għalihom), il-VIN huwa data personali li l-ipproċessar tagħha jkun suġġett għall-GDPR.

42. Fil-qosor, u bħala konklużjoni intermedja, inqis li l-VIN jikkostitwixxi data personali, fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 4 tal-GDPR, sa fejn min ikollu aċċess għalih jista' jkollu mezzi li raġonevolment jippermettulu jużah b'mod li jidentifika s-sid tal-vettura li jikkorrispondi għaliha. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk dan huwiex dak li jiġri f'kull każ.

B. Obbligu li jingħata l-VIN u l-GDPR

43. Kuntrarjament għal xi dikjarazzjonijiet li huma riflessi fid-digriet tar-rinviju, ir-Regolament 2018/858 ma jeskludix l-applikazzjoni tar-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-data. Skont il-premessa 62 tiegħu, "kull meta l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li dawn jitwettqu skont [il-GDPR]".

44. L-Artikolu 6(1) tal-GDPR jikkundizzjona l-legalità tal-ipproċessar tad-data personali għall-applikazzjoni ta' mill-inqas waħda mill-ġustifikazzjonijiet li jelenka. Fosthom, li l-ipproċessar huwa meħtieġ "għall-konformità ma' *obbligu legali* applikabbli għall-kontrollur" (ittra c) (korsiv miżjud).

45. Dan *l-obbligu legali* jinsab fl-Artikolu 61(1) u (4), tar-Regolament 2018/858, moqri flimkien mal-punt 6.1 tal-Anness X tiegħu. Skont dan il-grupp ta' regolamenti, il-manifatturi tal-vetturi bil-mutur għandhom jagħmlu disponibbli għall-operaturi indipendenti, fost data oħra, espliċitament il-VIN.

46. Il-punt 6.1 tal-Anness X tar-Regolament 2018/858 jagħti dettalji dwar l-informazzjoni li għandu jipprovdi l-manifattur, f'database li l-operaturi indipendenti jistgħu faċilment jaċċedu għaliha. Din l-informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni relatata ma' "[…] il-partijiet kollha tal-vettura, li bihom hija mgħammra l-vettura, kif identifikat mill-VIN […]". Fl-istess punt huwa miżjud li d-database li l-manifattur huma obbligat li joħloq "għandu jkun fiha l-VIN".

[15] Sentenza tad-19 ta' Ottubru 2016, Breyer (C-582/14, EU:C:2016:779), punti 42 u 43.

[16] Anness I, punt II.5, kodiċi E, tad-Direttiva 1999/37.

[17] Kif irrilevat il-Kummissjoni fil-punt 53 tal-osservazzjonijiet tagħha, ma tistax tiġi injorata r-realtà tal-vetturi konnessi, li huma kapaċi jipprovdu informazzjoni li tista' tiġi marbuta ma' persuna permezz tal-VIN. Ara l-punt 29 tal-Linji Gwida 01/2020 dwar l-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest ta' vetturi konnessi u applikazzjonijiet relatati mal-mobilità (verżjoni 2.0), adottati fid-9 ta' Marzu 2021 (https://edpb.europa.eu/system/files/2021-08/edpb_guidelines_202001_connected_vehicles_v2.0_adopted_fr.pdf).

47. Il-paragrafu 4 tal-Artikolu 61 tar-Regolament 2018/858 huwa eżawrjenti meta jipprovdi li d-dettalji tar-rekwiżiti tekniċi relatati mal-aċċess għal din l-informazzjoni huma dawk indikati fl-Anness X. Kif għadni kif indikajt, il-punt 6.1 ta' dan l-anness jimponi l-obbligu fuq il-manifattur sabiex jipprovdi informazzjoni, "mill-VIN", dwar il-vettura u l-partijiet li l-vettura ġiet mgħammra bihom mill-manifattur.

48. Konsegwentement, kull manifattur ta' vetturi huwa obbligat mingħajr ekwivoċi li jipprovdi l-VIN lill-operaturi indipendenti.

49. Sa fejn il-VIN jikkostitwixxi data personali [18], it-tqegħid għad-dispożizzjoni tiegħu jimplika "ipproċessar" fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-GDPR.

50. Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-ipproċessar *kollu* tad-data personali għandu jkun konformi mal-prinċipji tal-Artikolu 5 tal-GDPR u xi wħud mill-kundizzjonijiet tal-legalità tal-Artikolu 6 tiegħu [19].

51. Mill-kundizzjonijiet tal-legalità elenkati fl-Artikolu 6(1) tal-GDPR li jinteressa lilna hawnhekk huwa msemmi fl-ittra c). Din il-kundizzjoni hija ssodisfatta f'dan il-każ, peress li, nirrepeti, l-għoti tal-aċċess għall-VIN huwa "obbligu legali" li għandhom il-manifatturi tal-vetturi (l-Artikolu 61(1) tar-Regolament 2018/858). Jekk manifattur ma jipprovdix aċċess għall-VIN tal-vetturi tiegħu lill-operaturi indipendenti, ikun qiegħed jikser dan l-obbligu legali.

52. Madankollu, ma huwiex biżżejjed li l-ipproċessar ikkontestat ikun meħtieġ sabiex jiġi osservat obbligu legali. Barra minn hekk, għandhom jiġu osservati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 6(3) tal-GDPR. Nemmen li dan huwa l-każ f'din il-kawża, peress li:

— Il-"bażi għall-ipproċessar" (li għandha tkun "stipulata minn […] il-liġi tal-Unjoni, jew […] il-liġi tal-Istat Membru li għaliha huwa suġġett il-kontrollur") tinsab, preċiżament, fir-Regolament 2018/858.

— Il-"fini tal-ipproċessar" (li "għandu jkun iddeterminat fdik il-bażi legali") jidher fl-Artikolu 61(1) tar-Regolament 2018/858: l-għan huwa li tiġi promossa l-kompetizzjoni fis-settur [20], filwaqt li l-operaturi indipendenti jingħataw aċċess mhux ristrett, standardizzat u mhux diskriminatorju għal ċerta informazzjoni relatata mat-tagħmir tal-vetturi u t-tiswija u l-manutenzjoni ta' dawn tal-aħħar.

— Hemm l-"għan ta' interess pubbliku" tar-regola tad-dritt tal-Unjoni li jirregola din il-materja, peress li, kif indikat il-Kummissjoni [21], l-obbligu impost għandu t-tendenza li jtejjeb "il-funzjonament tas-suq intern, b'mod partikolari fir-rigward tal-moviment liberu tal-merkanzija, tal-libertà tal-istabbiliment u tal-libertà fil-forniment tas-servizzi" [22].

— Il-bażi leġiżlattiva tirriżulta "proporzjonata mal-għan leġittimu mfittex": mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li t-tfittxija biss permezz tal-VIN tippermetti identifikazzjoni eżatta tad-data li

[18] Iktar 'il fuq, punt 42.

[19] Sentenzi tas-16 ta' Jannar 2019, Deutsche Post (C-496/17, EU:C:2019:26), punt 57, u dawk iċċitati fiha; tal-24 ta' Settembru 2019, GC *et* (It-tneħħija ta' referenza ta' data sensittiva) (C-136/17, EU:C:2019:773), punt 64; u tat-22 ta' Ġunju 2021, Latvijas Republikas Saeima (Punti ta' penalità għal reati tat-traffiku) (C-439/19, EU:C:2021:504), punti 96, 99, 100 u 102.

[20] Skont il-premessa 52 tar-Regolament 2018/858, l-għan huwa li "tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva fis-suq għal servizzi ta' informazzjoni dwar tiswija u manutenzjoni ta' vetturi".

[21] Punt 65 tal-osservazzjonijiet tagħha.

[22] Dan huwa ddikjarat fil-premessa 50 tar-Regolament 2018/858.

tikkorrispondi għal vettura partikolari. Kif irrilevat ukoll il-Kummissjoni [23], il-qorti tar-rinviju ma tissuġġerixxix mezz ieħor ta' identifikazzjoni inqas invażiv li, fl-istess ħin, għandu l-effettività tat-tfittxija bbażata fuq il-VIN u li jippermetti li jiġi ssodisfatt l-għan ta' interess pubbliku msemmi qabel. Il-leġiżlatur Ewropew wassal għal dan il-kriterju ta' proporzjonalità huwa stess fir-Regolament 2018/858.

53. Fil-qosor, nemmen li l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa fl-Artikolu 6(1)(c) u (3) tal-GDPR huma ssodisfatti. Fl-aħħar nett, inżid li l-qorti tar-rinviju ma tqajjem ebda dubju dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-Artikolu 5 tal-GDPR għal din il-kawża.

V. Konklużjoni

54. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi t-tielet domanda magħmula mil-Landgericht Köln (il-Qorti Reġjonali ta' Köln, il-Ġermanja) fit-termini li ġejjin:

"L-Artikolu 61(1) u (4), b'rabta mal-Anness X, il-punt 6.1, tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 *ta'* Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

jikkostitwixxi, għall-manifatturi tal-vetturi, obbligu legali fis-sens tal-Artikolu 6(1)(c) u (3) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 *ta'* April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*), li jiġġustifika t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-operaturi ekonomiċi indipendenti n-numri ta' identifikazzjoni tal-vetturi (VIN)".

[23] Punt 67 tal-osservazzjonijiet tagħha.